MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 14/2007

**Joseph Portelli (I.D.370271M)**

vs

**Il-Pulizija (Spettur M. Mallia),**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija,**
**l-Onorevoli Ministru u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Responsabbli ghall-Gustizzja u l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fit-23 ta' Marzu, 2007, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. ILLI r-rikorrent gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli (i) fil-gimghat

ta’ qabel il-15 ta’ April, 2004, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ diversi xoghlijiet ta’ l-arti u oggetti ohra li l-valur taghom jeccedi s-somma ta’ elf lira Maltin, mil-fond numru 129 Triq l-Ifran, il-Belt, Valletta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li l-eccedi l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin; (ii) fis-27 ta’ April 2004 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin; (iii) f’Malta, f’dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misrua, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

2. ILLI r-rikorrent ammetta fi stadju bikri l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, izda wiegeb mhux hati u baqa’ jsostni tali twegiba ghall-imputazzjonijiet ta’ serq u ta’ hsara volontarja;

3. ILLI permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Lulju 2006, b’referenza ghall-artikoli 334, 325 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-rikorrent gie misjub hati fuq ammissjoni tieghu ta’ ricettazzjoni; gie misjub mhux hati ta’ l-akkuza ta’ serq; u gie misjub hati ta’ hsara volontarja li l-valur taghha jiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500); u gie kkundannat ghal erba’ snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li qatta’ f’arrest preventiv;

4. ILLI permezz ta’ sentenza moghtija mhar is-7 ta’ Dicembru 2006, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali laqghet l-appell intavolat mir-rikorrent limitatament u rriformat is-sentenza appellata, billi (i) rrevokatha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni li volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin u minnha lliberatu; (ii) irrevokatha ukoll in kwantu ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta magisterjali u minflok ikkundannatu jhallas biss dawk l-ispejjez tal-perizji ordnati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti Istruttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni kif ukoll dawk l-ispejjez tal-perizji li, ghalkemm ordnati waqt l-Inkjesta Magisterjali, gew kompletati u konfermati bil-gurament biss waqt il-kumpliazzjoni, u konfermatha (i) in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat u (ii) fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni ta' rivettazzjoni u (iii) fejn ukoll ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' erba' snin; u dan wara li:

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel akkuza, u cioè dik ta' serq aggravat, u kwindi lliberatu minnha;

b) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti, fuq ammissjoni tal-istess, sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza, u cioè dik ta' ricettazzjoni; u

c) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza, u cioè dik ta' hsara volontarja li tiskorri l-hames mitt Lira Maltin, skond l-artikolu 325(1)(a), u kwindi tiddikjarah mhux hati ta' din l-akkuza w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

B'dan illi subordinatament, f'kaz illi din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, tirriformaha fil-parti tal - piena billi minflok iz-zmien ta' karcerazzjoni msemmi tigi moghtija sanzjoni aktar xierqa w gusta ghac-cirkostanzi tabilhaqq partikolari ta' dan il-kaz, okkorrendo anke fl-ambitu tal-kuncett ta' "restorative justice", kif irrakkomanda l-Ufficjal tal-Probation meta qies ic-cirkostanzi partikolarment sfortunati ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioè:-

1. Rigward l-aggravju fil-mertu, d-dikjarazzjoni ta' htija ta' hsara involontarja fil-konfront tieghu hi wahda *unsafe and unsatisfactory* ghax l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant ikkaguna hsara fil-pittura *de quo*. Hu gie liberat mill-akkuza ta' serq u qatt ma dahal fir-residenza tad-derubat Imhallef Giovanni Bonello w ghalhekk zgur li mhux responsabbli ghall-hsara li saret mill-hallelin meta dahlu go din id-dar u lill-pitturi meta kienu qed jinqalghu minn posthom, fatt li sar fid-dar tad-derubat mill-hallelin. L-Ewwel Qorti però kkonkludiet li dawn il-hsarat fil-pitturi konsistenti fi grif, brix, u telf ta' kulur originali w stukkaturi qodma, *"setghu wkoll bl-istess facilità graw waqt li kienu qed jigu mqieghdha fil-garage tal-imputat, u dan sar bil-kunsens tieghu."* Imma fis-sistema penali taghna l-fatt *de quo* jrid jirrizulta minghajr dubbju dettat mir-raguni. Rigward il-hsara bil-moffa, l-Ewwel Qorti assumiet li l-pitturi ma kellhomx hsara bil-moffa fuqhom meta kienu fir-residenza tad-derubat, imma din l-assunzjoni ma tohrogx mill-provi. Ghal-lkuntrarju jirrizulta li fir-residenza tad-derubat kien hemm umdità kbira. L-istess espert tal-Qorti Spagnol qal li certa moffa setghet kienet gja prezenti f' xi kwadri. Moffa friska kienet tidher fuq pittura wahda biss. Il-prosekuzzjoni ghalhekk ma irnexxilhiex tipprova oltre l-grad tal-possibbli, ahseb u ara sal-grad rikjest mill-ligi, li l-hsara permezz tal-moffa saret meta l-pitturi *de quo* kienu fil-garage tal-appellant. Inoltre ma jirrizultax f'kull kaz li l-hsara saret volontarjament mill-appellant. Dan ghaliex l-appellant skopra w sar jaf li l-pitturi kienu gew mohbija wara l-hajt falz zmien wara li dawn gew hekk mohbija. U hu ma kkawza ebda hsara fil-pitturi b'mod volontarju.

2. Li ghar-rigward tal-aggravju sussidjarju dwar il-*quantum* tal-hsara, l-istima tal-hsara fil-pitturi fl-ammont ta' LM3615 ma tirrapprezentax biss il-hsara li saret fil-pitturi waqt li dawn kienu stivati wara l-hajt falz fil-garage tal-appellant, izda l-hsarat kollha li garrbu l-pitturi mill-mument tas-serqa. Imma dawn il-hsarat setghu kollha saru qabel ma dahal l-appellant fix-xena. In pessima ipotesi l-unika hsara li seta' jkun ritenut responsabbli ghaliha l-appellant

kienet dik gejja mil-moffa. F' dal-kaz ma hemm ebda prova li l-hsara mill-moffa teccedi l-LM500.

3. Li dwar l-aggravju dwar il-piena, intqal li l-involviment tal-appellant fl-istorja kollha kien *de minimis*. Hu kien il-vittma ta' huh li pogga l-pitturi misruqa ghandu w approfitta ruhu mill-genwinita' w t-tjubija tieghu. F'kull kaz kien hemm ammissjoni bikrija tar-reat ta' ricettazzjoni. Hu kkollabora mal-gustizzja u kien hemm rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li tinghata sentenza sospiza w mhux karcerazzjoni. Ghalhekk il-piena kellha tkun inqas harxa.

4. Dwar l-aggravju li jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza, dawn ma kellhomx jinkludu l-ispejjez tal-inkjesta imma biss dawk tal-kawza. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tirrevoka l-ordni ghall-hlas tal-ispejjez relattivi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni, fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel zewg aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghas-sejbien ta' htija tal-akkuza ta' danni volontarji u dan fl-ammont li jeccedi l-hames mitt lira Maltin (LM500).

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-

konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi" [14.2.1989]; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991]; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn).

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar din l-imputazzjoni ta' danni volontarji li jeccedu l-LM500.

Ikkonsidrat;

Dwar l-ewwel aggravju, l-hsarat fil-pitturi li rriskontra fir-relazzjoni tieghu (fols. 362 sa 436 tal-process) l-espert Anthony Spagnol nominat mill-Qorti kienu jikkonsistu fi grif, brix, telf ta' kulur originali, hsara fl-istukkatura, deformazzjoni tat-tila (f'kaz wiehed biss) u moffa, (Fol. 433). L-appellant jikkontendi li–ewwel erba' tipi ta' hsara x' aktarx huma konnessi ma w gew kawzati mas-serqa attwali w cioè meta tnehhew minn gol-kwadri taghhom, b'xi strument bil-ponta.  Jargumenta wkoll li ma giex eskluz li l-moffa kienet pre-ezistenti fil-fond tad-derubat u li ma hemmx prova li din saret b' xi tort tal-appellant.  Il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-espert f' dar-rigward u sabet li l-espert xejn ma kien kategoriku dwar il-moffa.  Di fatti hu qal li fejn giet nutata l-moffa, huwa difficli li wiehed jistabilixxi meta din bdiet tikber fuq il-kwadri w qal ukoll li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li certa moffa setghet kienet gja prezenti fuq xi kwadri.  Giet nutata moffa mhux attiva fuq seba kwadri w cioè dawk elenkati a fol. 434.  Ikkonkluda wkoll l-espert li l-kwadru li ghandu deformazzjonijiet fit-tila (Maria Maddalena) ma hemmx certezza li dawn il-hsarat kienu saru recentement. Qal biss li jekk dawn kienu gja ezistenti dawn setghu gew accentwati kawza ta' tibdil fit-temperatura w l-umdita'

relattiva li l-kwadru kien espost ghalihom wara li nhareg mir-residenza gewwa l-Belt.

Meta xehed quddiem il-Qorti (Fols. 353 sa 361), l-espert Spagnol, qalli fil-kaz ta’ pittura wahda l-moffa kienet tidher attiva w kienet *three dimensional*.  Attiva jfisser kibret recentement u ma setghetx kienet qadima.  B’ qadima ried ifisser ftit granet.  Il-moffa tikber f’ 48 siegha w wahda mill-kondizzjonijiet hija umdità gholja, meta jkun hemm *stale air*, meta ma jkunx hemm *ventilation.*  F’kaz wiehed tant kienet evidenti, kienet recentissima imma ma setax jghid kemm kien ilha.

Kif kien mistenni, fid-dawl ta’ dawn il-konkluzzjonijiet xejn cari w ekwivoci, l-appellant qed jargumenta li ma giex pruvat lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li hu kien b’ xi mod responsabbli ghal dawn il-hsarat.  Jissottometti li ladarba hu gie liberat mill-akkuza ta’ serq, zgur li ma jistax jirrispondi ghall-hsarat li saru waqt l-esportazzjoni tal-oggetti misruqa mill-gwarnici taghhom u fil-garr taghhom ghall-garage tieghu.  Dwar il-moffa hu jargumenta li la ma hemmx prova kategorika li din sehhet waqt li l-pitturi kienu gew mohbijin fil-garage tieghu w taht is-sodda tieghu (fil-kaz ta’ wahda minnhom), hu ma jistax jinstab hati ta’ hsarat volontarji fuq l-istess.

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar din il-kontestazzjoni w anki wara li ezaminat il-motivazzjoni fis-sentenza appellata, xorta wahda ma ghandhiex il-konvinciment morali li l-akkuza ta’ danni volontarji giet sodisfacentement pruvata fil-konfront tal-appellant, ladarba l-Ewwel Qorti ghazlet li tillibera lill-appellant mill-akkuza ta’ serq jew ghall-inqas dik ta’ komplicità fis-serq, kif koncepibbilment, ghab-bazi tar-rizultanzi, setghet sabet htija skond l-artikolu 42 ( c ) u (e) u 45(b) u (c) tal-Kodici Kriminali.  Ladarba pero’ l-Avukat Generali ma deherlux li kellu jappella minn din id-decizjoni tal-Ewwel Qorti, illum din il-Qorti trid tiehu l-liberazzjoni mill-akkuza ta’ serq bhala *res judicata*.

Jekk ma tirrizultax pruvata l-htija ghall-hsara volontarja, mir-relazzjoni tal-espert, inqas u inqas, jirrizulta li l-hsara li seta’ koncepibbilment jirrispondi ghaliha l-appellant, ghal

xi moffa li setghet rrizultat b'tort tieghu ghax ma hax hsieb jipprezerva l-oggetti misruqa li hu rceva, tista' tigi b' certezza morali ffissata taht xi wiehed mill-*bench marks* ta' valur tal-hsara imsemmija fl-artikolu 325 tal-kodici Kriminali.
Dan ghaliex l-istima tal-hsarat relatata mar-riparazzjonijiet necessarji ma gietx spezzettata bejn dawk il-hsarat ikkagunati waqt l-asportazzjoni u dawk li setghu ssuccedew jew aggravaw ruhom meta l-pitturi kienu ghand l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel zewg aggravji tal-appellant huma gustifikati w konsegwentement l-appellant ma setax jinstab hati tal-akkuza ta' danni volontarji.

Ghar-rigward tat-tielet aggravju dwar il-piena però din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant. Mhu veru xejn li l-partecipazzjoni tal-appellant f'din l-operazzjoni kriminali kien wiehed *de minimis*. Irrizulta *ex admissis* li hu ta' c-cavetta tal-garage fejn inhbew il-pitturi kollha ghajr wahda lil huh u li mall-ewwel induna li huh seta' ried il-garage ghal xi uzu suspett. Tant li meta huh mall-konsenja tac-cwievet kien evaziv u ma qallux ghal fejn ried il-garage bis-serjetà, hu rega' staqsieh l-ghada jew ftit zmien wara u huh kien qallu li ried ipoggi pittura li tiswa l-flus fih. Issa hawn zgur li bil-buon sens biss u b'ebda intelligenza straordinarja l-appellant kellu jintebah li si trattava ta' xi pittura gejja minn provenjenza illecita ghax la hu u lanqas huh – suppost haddiema fil-gebel – ma kienu kollezzjonisti tal-oggetti tal-arti. Hekk ukoll meta huh talbu *jack* tal-bennejja u ghall-ewwel allegatament ma qallux ghal x'hiex riedu, hu hass il-htiega li jerga' jistaqsieh. Meta ha r-risposta li dan l-*jack* huh riedu biex jaghmel serqa, ma hax passi minnufieh u bisserjeta' biex jiehdu lura minnufieh u jipprevjeni s-serqa bl-ghodda li hu kien forna. Meta umbaghad gew il-pitturi w rahom, fehem mall-ewwel li dawn kienu gejjin minn xi serqa u, jekk ma fehemx, imissu fehem. Meta nduna li ttella l-hajt falz, ukoll baqa' ma ghamel xejn hlief li timidament talab lill-hallelin biex ifittxu jnehhu kollox minn ghandu, jekk ghandu jitwemmen. Inoltre hu accetta li jzomm taht is-sodda tieghu pittura partikolari li huh qallu li

jrid jahbiha ghandu. Altru milli l-appellant kien xi vittma ta' huh u tal-hallelin lohra. Kien ghinhom b' kull mod possibbli, jekk stess ma hax parti fis-serqa. Fornilhom l-ghodda ghall-izgass, fornilhom il-post fejn jahbu r-*res furtiva* qabel ma sar is-serq, akkwiexxa ghall-habi tal-istess taht soddtu w fil-garage tieghu, wara hajt falz li sar fil-proprjetà tieghu, w tkellem biss meta nqabad *red handed* fil-pussess tal-oggetti misruqa.

Kieku verament l-appellant kien il-vittma ta' huh u l-hallelin l-ohra, seta' jipprevalixxi ruhu mill-proviso tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali w jigi mehlus minn kull piena ghall-involviment tieghu fl-operazzjoni, kemm il-darba, qabel xejn ma tibda titmexxa ebda procedura kriminali kontra tieghu w fi zmien tlitt ijiem minn dak in-nhar li jkun laqa' ghandu r-*res furtiva*, ta f'idejn l-awtorità kompetenti l-hwejjeg milqugha u jikxef l-awtur tar-reat. Minn dan ma ghamel xejn sakemm inqabad *"red handed"* b'mod li zgur ma setax jehles minn akkuza ta' ricettazzjoni lampanti. Ftit kellu ghalfejn jikkoopera mall-Pulizija f'dawn iccirkostanzi ghax dawn sabu kollox huma, wara li fil-bidu kien cahad li kellu xi haga provenjenti mis-serqa ghandu. Mhux biss imma sema mill-hallelin u skondu addirittura kisser il-mobile phone tieghu biex il-Pulizija ma tkunx tista' tirrintraccja t-telefonati li ghamel lil jew li sarulu mill-istess hallelin. U meta kien jaf li l-Pulizija tridu, baqa' sas-sieghat bikrin ta' filghodu jiggerra barra bl-isperanza li jirmexxilu jidhol fid-dar tieghu inkiss, inkiss biex jiddisponi mill-pittura li kellu mohbija taht is-sodda. Meta ra umbaghad li kollox kien ghal xejn, irrassenja ruhu w dahal id-dar fejn gie arrestat ftit wara. Kieku veru kien genwin, kien jikxef kollox fiz-zmien utili permess mill-ligi w ma kien jkun passibbli ghall-ebda piena. Izda ghazel li ma jaghmilx hekk. Meta umbaghad inqabad ta' versjoni li hu ta fl-istqarrija tieghu, li, *bene o male* wasslet biex ikkonvinciet lill-Ewwel Qorti li hu ma kienx komplici fis-serqa.

Li minnkejja dak allegat fir-rikors tal-appell ma tirrizulta ebda ammissjoni bikrija tar-reat ta' ricettazzjoni meta deher quddiem l-Ewwel Qorti w, meta sarlu l-ezami, wiegeb biss li ma kienx hati. Ma saret ebda ammissjoni

bikrija kwalifikata quddiem l-Ewwel Qorti, fejn hu ammetta l-akkuza tar-ricettazzjoni u kkontesta l-kumplament.

Illi mbaghad anki kieku kellha tirizulta xi ammissjoni simili quddiem il-Qorti, din mhux bil-fors li tissarraf necessarjament f' xi riduzzjoni fil-piena, ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may

be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R.(S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..” (sottolinear ta' din il-Qorti)

F'dal-kaz l-appellant proprju nqabad “red handed”.

Illi ghar-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-probation officer, din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti taqbel li din ma tistax tittiehed bis-serjetà fic-cirkostanzi. Din il-Qorti tmur oltre u tghid li ma hux kompitu ta' *social workers, probation officers* jew xi membri ta' xi agenzija jew ohra li jezistu, li jaghmlu rakkomandazzjonijiet li qrati dwar x' ghandha tkun il-piena. Ir-responsabbiltà tal-erogazzjoni tal-piena w *“to fit the punishment to the crime”* hija responsabbiltà esklussiva tal-Qrati w ma jistghux il-qrati jfarfru din il-funzjoni hekk delikata w difficli fuq xi persuna ohra, li hafna drabi b'inqas preparazzjoni w inqas esperjenza, jigu f'pozizzjoni li jridu jaffrontaw kriminali inkalliti li jistghu jippruvaw jimmanipulawhom mill-ahjar li jistghu. Dawn il-funzjonarji fir-rapporti jew relazzjonijiet taghhom ghandhom jillimitaw ruhom li jghaddu lill-Qorti l-fatti rilevanti li jkunu ikkonstataw, bhal *family background*, tendenzi, *behaviour patters*, eccetera li jkunu osservaw fil-

persuna li dwarha jkunu gew imqabbda jirrelataw, imma qatt ma ghandhom jazzardaw jissuggerixxu x’ghandha tkun il-piena li tigi erogata mill-Qrati. Hekk ser timxi din il-Qorti w hekk tirrakomanda li jimxu il-Qrati tal-Magistrati f’kazjiet bhal dawn. Mhux gust li funzjonarji bhal *probation officers* u *social workers* jigu mghobbija b’responsabbiltajiet li mhumiex taghhom. F’ dan il-kaz l–Ewwel Qorti gustament ma qablitx mar-rakkomandazzjoni inkonsulta tal-*probation officer* li l-appellant jinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza w din il-Qorti taqbel ma dan pjenament.

Ikkonsidrat;

Li l-appellant lanqas ma hu xi *“first time offender*” ghaliex gja kien instab hati mill-Qrati ta’ serq aggravat, ingurji u theddid u nuqqas li jhallas l-alimenti lill-martu ghall-bintu minuri.

Li din il-Qorti, in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta dwar l-akkuza ta’ danni volontarji, kellha ovvjament tikkonsidra jekk, minnhabba jew minkejja tali konkluzzjoni, kienx hemm lok li jkun hemm tnaqqis fil-piena biex jigi rifless il-fatt li issa l-appellant mhux ser jigi misjub hati ta’ dik lakkuza.

Illi skond l-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat ta’ ricetazzjoni, jekk il-haga tkun gejja minn serq, hija dik tas-serq skond il-valur tal-haga. Issa fil-kaz in ezami l-valur komplessiv tal-pitturi li nsterqu w gew mohbija ghand l-appellant hu zgur ta’ aktar minn elf lira (LM1000) u ghalhekk il-piena tkun dik kontemplata fl-artiklu 279(b) tal-Kodici Kriminali w cioè wahda ta’ prigunerija ghal zmien minn tlettax il-xahar sa seba’ snin.

Ghalhekk anki ghar-reat ta’ ricettazzjoni biss li tieghu nstab hati ghalih mill-Ewwel Qorti w li hu mhux qed jikkontesta quddiem din il-Qorti, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi pjenament fil-parametri li tipprovdi l-ligi w mehud kont tac-cirkostanzi kollha, partikolarment dawk li - kif gja qalet din il-Qorti - setghu facilment jirrijentraw taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 42(c ) u (e) u 45 (b) u (c), din

il-Qorti tqis li ma hux il-kaz li taghmel temperament fil-piena.

Ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar l-ispejjez peritali, jidher li ghadd ta' esperti gew nominati fl-inkjesta u gew konfermati fil-kors tal-kumpilazzjoni kontra l-appellant.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Trevor Farrugia" [29.1.1996], il-pozizzjoni legali korretta f'kazijiet simili hi s-segwenti. Fejn l-esperti jkunu rrelataw fil-proceduri tal-inkjesta dwar l-"*in genere* " u mbaghad dawn l-esperti jigu konfermati mill-Qorti Istruttorja, l-imputat ghandu jhallas biss l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mad-depozizzjoni ta' dawn l-esperti fil-kors tal-istruttorja u mhux ukoll l-ispejjez konnessi mad-depozizzjoni taghhom u r-relazzjonijiet, dokumenti jew pjanti esebiti minnhom fil-kors tal-inkjesta dwar l-*"in genere*" jew inkarigi li kienu lahqu espletaw f' dik l-inkjesta.

Konsegwentement dan l-aggravju hu gustifikat in kwantu jirrigwarda dawk l-ispejjez tal-perizji li gew konkluzi w gew konfermati bil-gurament fil-kors tal-inkjesta magisterjali. Fil-kaz tal-ispejjez tal-perizji, anki jekk il-periti gew nominati fil-kors tal-inkjesta però umbaghad ikkompletaw l-inkarigu taghhom fil-mori tal-kawza kontra l-appellant u kkonfermaw ir-relazzjoni taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, allura l-appellant irid ihallas l-ispejjez ta' dawn il-perizji. L-istess ovvjament japplika ghal xi perizji li gew ordnati biss mill-Qorti Istruttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni.

5. ILLI l-esponent ihoss illi b'tali sentenza gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

I. Imposizzjoni ta' piena in relazzjoni ma' imputazzjoni li dwarha l-esponent instab mhux hati [ksur ta' l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta] jew alternattivament li, ghallinqas parzjalment, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kenitx kompetenti li timponi skond il-ligi skond il-ligi [ksur

ta’ l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif introdotti permezz ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap.319, Ligijiet ta’ Malta]

6. ILLI l-esponent gie mijub hati mill-ewwel Onorabbli Qorti ta’ zewg imputazzjonijiet, dik ta’ ricettazzjoni li ggib maghha piena ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin, u dik ta’ hsara volontarja li ggib maghha piena ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba’ snin; dan ifisser li meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) imponiet piena ta’ erba’ snin prigunerija, tali piena kienet piena komplessiva li kienet ikkomputata sabiex tkopri sija l-piena minima relattiva ghall-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni u sija l-piena minima relattiva ghall-imputazzjoni ta’ hsara volontarja;

7. ILLI l-fatt li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali lliberat lill-esponent mill-imputazzjoni ta’ hsara volontarja izda in relazzjoni ma’ l-imputazzjoni rimanenti ta’ ricettazzjoni kkonfermat il-piena ntiera komplessiva ta’ erba’ snin prigunerija jista’ jigi nterpretat biss f’zewg modi:

(a) illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hasset li kellha taghti lill-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni piz ikbar milli tatha l-Qorti tal-Magistrati, u implicitament ziedet il-piena relattiva ghal tali imputazzjoni b’dik il-parti mill-piena komplessiva li l-Qorti tal-Magistrati mponiet in relazzjoni ma’ l-imputazzjoni ta’ hsara volontarja, minghajr ma kien hemm appell ta’ Avukat Generali f’dan is-sens; jew

(b) illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hasset li ma kenitx gustifikata l-liberazzjoni mil-imputazzjoni ta’ komplicità fis-serq (kif fil-fatt iddikjarat espressament diversi drabi fis-sentenza taghha u anke fid-dispozittiv finali) u ghaldaqstant imponiet piena in relazzjoni ma’ imputazzjoni li dwarha l-esponent gie mehlus u li dwarha ma sar l-ebda appell mill-Avukat Generali;

8. ILLI l-esponent jissottometti umilment illi l-ewwel ipotezi (a) fuq deskritta timporta ksur ta’ l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali mhijiex kompetenti sabiex izzid il-pieni mposti

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minghajr appell appositu maghmul entro l-limiti stabbiliti mil-ligi mill-Avukat Generali; mentri t-tieni ipotezi (b) timporta ksur sija ta' l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll ta' l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu l-Qorti Kriminali ma kellhiex il-poter li teroga piena in relazzjoni ma' imputazzjoni li dwarha l-esponent kien gie liberat;

II. Nuqqas ta Smigh Xieraq u Imparzjali in vista ta' opinjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dikjarata espressament fis-sentenza mpunjata dwar hwejjeg li ma kenux ta' kompetenza taghha bi ksur ta' l-artikoli 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

9. ILLI l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat espressament li qed tikkonferma l-piena moghtija ghar-raguni li ma kenitx qed taqbel mal-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar il-liberazzjoni mill-imputazzjoni ta' komplicità fis-serq; ladarba ma sarx appell mill-Avukat Generali in relazzjoni ma' tali kap, l-esponent jissottometti li l-opinjonijiet espressi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienu superfluwi u juru biss nuqqas ta' imparjzalità in relazzjoni ma' l-aggravji li kellha quddiemha l-istess Qorti. Il-kummenti in kwistjoni kienu varji, u cjoè s-segwenti:

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar din il-kontestazzjoni w anki wara li ezaminat il-motivazzjoni fis-sentenza appellata, xorta wahda ma ghandhiex il-konvinciment morali li l-akkuza ta' danni volontarji giet sodisfacentement pruvata fil-konfront tal-appellant, ladarba l-Ewwel Qorti ghazlet li tillibera lill-appellant mill-akkuza ta' serq jew ghall-inqas dik ta' komplicità fis-serq, kif koncepibbilment, ghab-bazi tar-rizultanzi, setghet sabet htija skond l-artikolu 42 ( c ) u (e) u 45(b) u (c) tal-Kodici Kriminali. Ladarba pero' l-Avukat Generali ma deherlux li kellu jappella minn din id-decizjoni tal-Ewwel Qorti, illum din il-Qorti trid tiehu l-liberazzjoni mill-akkuza ta' serq bhala *res judicata*.

Ghar-rigward tat-tielet aggravju dwar il-piena però din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant. Mhu veru xejn li l-partecipazzjoni tal-appellant f'din l-operazzjoni kriminali kien wiehed *de minimis*. Irrizulta *ex admissis* li hu ta' c-cavetta tal-garage fejn inhbew il-pitturi kollha ghajr wahda lil huh u li mall-ewwel induna li huh seta' ried il-garage ghal xi uzu suspett. Tant li meta huh mall-konsenja tac-cwievet kien evaziv u ma qallux ghal fejn ried il-garage bis-serjetà, hu rega' staqsieh l-ghada jew ftit zmien wara u huh kien qallu li ried ipoggi pittura li tiswa l-flus fih. Issa hawn zgur li bil-buon sens biss u b'ebda intelligenza straordinarja l-appellant kellu jintebah li si trattava ta' xi pittura gejja minn provenjenza illecita ghax la hu u lanqas huh – suppost haddiema fil-gebel – ma kienu kollezzjonisti tal-oggetti tal-arti. Hekk ukoll meta huh talbu *jack* tal-bennejja u ghall-ewwel allegatament ma qallux ghal x'hiex riedu, hu hass il-htiega li jerga' jistaqsieh. Meta ha r-risposta li dan l-*jack* huh riedu biex jaghmel serqa, ma hax passi minnufieh u bisserjeta' biex jiehdu lura minnufieh u jipprevjeni s-serqa bl-ghodda li hu kien forna. Meta umbaghad gew il-pitturi w rahom, fehem mall-ewwel li dawn kienu gejjin minn xi serqa u, jekk ma fehemx, imissu fehem. Meta nduna li ttella l-hajt falz, ukoll baqa' ma ghamel xejn hlief li timidament talab lill-hallelin biex ifittxu jnehhu kollox minn ghandu, jekk ghandu jitwemmen. Inoltre hu accetta li jzomm taht is-sodda tieghu pittura partikolari li huh qallu li jrid jahbiha ghandu. Altru milli l-appellant kien xi vittma ta' huh u tal-hallelin lohra. Kien ghinhom b' kull mod possibbli, jekk stess ma hax parti fis-serqa. Fornilhom l-ghodda ghall-izgass, fornilhom il-post fejn jahbu r-*res furtiva* qabel ma sar is-serq, akkwiexxa ghall-habi tal-istess taht soddtu w fil-garage tieghu, wara hajt falz li sar fil-proprjetà tieghu, w tkellem biss meta nqabad *red handed* fil-pussess tal-oggetti misruqa.

… Meta umbaghad inqabad ta' versjoni li hu ta fl-istqarrija tieghu, li, *bene o male* wasslet biex ikkonvinciet lill-Ewwel Qorti li hu ma kienx komplici fis-serqa.

Ghalhekk anki ghar-reat ta' ricettazzjoni biss li tieghu nstab hati ghalih mill-Ewwel Qorti w li hu mhux qed jikkontesta quddiem din il-Qorti, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi pjenament fil-parametri li tipprovdi l-ligi w mehud kont tac-cirkostanzi kollha, partikolarment dawk li - kif gja qalet din il-Qorti - setghu facilment jirrijentraw taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 42(c ) u (e) u 45 (b) u (c), din il-Qorti tqis li ma hux il-kaz li taghmel temperament fil-piena.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha.

i. Tiddikjara li permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) vs Joseph Portelli*" (Appell Nru 267/06) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif enunzjati fl-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, inkorporat fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara li permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) vs Joseph Portelli*" (Appell Nru 267/06) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif enunzjati fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, inkorporat fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 Ligijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara li permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) vs Joseph Portelli*" (Appell Nru 267/06) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif enunzjati fl-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

iv. Tiddikjara li permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) vs Joseph Portelli*" (Appell Nru 267/06) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-

rikorrenti kif enunzjati fl-artikolu 39(1) u/jew 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

v. Tiddikjara ghaldaqstant nulla u invalida fil-ligi l-istess sentenza u taghti rimedju billi tirriduci l-piena ta' prigunerija li ghandu jiskonta l-esponent jew billi tordna li l-appell kriminali relattiv jerga' jinstema' minn Qorti ta' l-Appell Kriminali diverament komposta u/jew taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimati li *in forza* taghha wiegbu illi:

Illi bla pregudizzju u in via preliminari, l-esponenti jixtiequ jirrilevaw li huma rcevew dan ir-rikors proprju llum, t-27 ta' Marzu 2007 flimkien ma digriet mahrug minn din il-Qorti li ordnalhom li jaghmlu risposta proprju sal-lum;

Illi fi-cirkostanzi l-esponenti jixtiequ jirrilevaw Ii ma kienx possibili Ii jirrispondu bl-iktar mod esawrjenti ghal dan r-rikors f'hin daqshekk limitat, u mhabba f'hekk jixtiequ min issa jirriseraw d-dritt Ii jaghmlu risposta izjed esawrjenti fi stadju ulterjuri dejjem skond kif ikunu diretti min din il-Qorti;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, mill-mod min kif gie ntavolat dan r-rikors, jidher Ii l-iskop ahhari tar-rikorrenti huwa biss Ii din il-Qorti sservi bhala Qorti tal-Appell Kriminali ulterjuri fil-kaz tieghu;

Illi din il-Qorti qed tintalab tissindika u tirriforma sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali Ii nghatat in segwitu Ii gew segwiti r-rekwiziti kollha fil-ligi f'dan ir-rigward sabiex l-istess rikorrenti jinghata l-opportunita kollha biex igib il-kaz tieghu quddiem il-Qorti fuq msemmija - Iiema Qorti hija kompetenti skond il-ligi Ii tiddeciedi kazijiet ta' din in-natura;

Illi qed jigi sottomess Ii din il-Qorti fil-gurisdizzjoni prezenti taghha, m'ghandhiex il-mansjoni Ii tagixxi bhala Qorti tal-Appell Kriminali ulterjuri u ghalhekk ma tistax tassumi l-kompetenza ta' dik il-Qorti f'materja vestita f'Qorti diversa espressament mill-ligi;

Illi din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tirriducci sentenza ta' prigunerija kif qed tigi mitluba li taghmel, semmai tista tezamina il-fatti in kwistjoni u taghti dawk ir-rimedji li thossha li ghandha taghti izda zgur m'ghandhiex il-mansjoni li tissindika sentenza ta' prigunerija moghtija regolarment mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti qed jigu michuda stante li f ebda punt r-rikorrenti ma sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti fl-Artikoli 5(1) u 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, kif nkorporati fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikli 34(1) u 39(1) u/jew (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif qed jigi allegat mill-istess rikorrenti.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li ma kellhomx xhieda li iressqu;

Rat in-Nota ta’ l-osservazzjonijiet tar-rikorrent Joseph Portelli tat-13 ta’ Awissu, 2007;

Rat in-Nota responsiva tal-intimati tad-9 ta’ Ottubru, 2007;

Ikkunsidrat :

Illi dan huwa rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Joseph Portelli illi premezz tieghu qieghed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu premezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-7 ta’ Dicembru 2006 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) kontra Joseph Portelli. Ir-rikorrenti jallega illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif enunzjati fl-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali inkorporat fl-ewwel skeda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap 319, kif ukoll id-drittijiet fundamentali tieghu kif enunzjati fl-Artikolu 6 (1)

tal-Konvenzjoni Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem il-libertajiet fundamentali inkorporati fl-ewwel skeda ta' l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319). Ir-rikorrenti qieghed jallega wkoll illi permezz ta' l-imsemmija sentenza tal-Appell Kriminali gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif enunzjati fl-Artikolu 34 (1) (b), 39 (1) u jew 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi r-rikorrenti kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'serq ta' diversi xogholijiet ta' l-arti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' elf lira Maltin; liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira, bil-lok u bil-hin. Kien gie akkuzat ukoll illi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli; liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin u kien gie akkuzat talli f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mob li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Illi irrizulta wkoll illi r-rikorrenti kien ammetta l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, izda wiegeb mhux hati ghall-imputazzjonijiet ta' serq u ta' hsara volontarja.

Illi irrizulta wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tat sentenza fis-17 ta' Lulju 2006 fejn sabet lir-rikorrent hati ta' ricettazzjoni, illiberatu mill-akkuza ta' serq, izda sabitu hati ta' hsara volontarja illi l-valur taghha jiskorri l-hames mitt lira u gie ikkundannat ghal erba snin prigunerija; li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien li qatta f'arrest preventiv.

Illi r-rikorrent kien appella minn din is-sentenza u fis-7 ta' Dicembru 2006 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet l-appell intavolat mir-rikorrent limitatament u irriformat is-sentenza appellata billi irrevokata fejn sabet lir-rikorrenti hati tat-tieni imputazzjoni, ta' hsara volontarja, irrevokata wkoll in kwantu ordnat lir-rikorrent ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta Magisterjali u minflok ikkundannatu jhallas biss dawk l-ispejjez tal-perizji ordnati mill-Qorti tal-Magistrati

bhala Qorti Istruttorja fil-Kors tal-Kumpilazzjoni, kif ukoll dawk l-ispejjez tal-perizji li ghalkemm ordnati waqt l-Inkjesta Magisterjali gew kompletati u ikkonfermati bil-gurament biss waqt il-kumpilazzjoni u ikkonfermatha in kwantu sabet lir-rikorrent mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ serq aggravat u fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni ta’ ricettazzjoni u fejn ukoll ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ erba’ snin.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrent hass illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali gew lezi id-drittijiet fundamentali tieghu u dana peress illi : (1) imposizzjoni ta’ piena in relazzjoni ma’ imputazzjoni li dwarha ir-rikorrent instab mhux hati u ghalhekk hemm ksur ta’ l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew alternattivament li, ghallinqas parzjalment, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma kenitx kompetenti li timponi skond il-ligi [ksur ta’ l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif introdotti permezz ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap.319, Ligijiet ta’ Malta;

Illi r-rikorrent effettivment kien gie misjub hati mill-ewwel Qorti ta’ zewg imputazzjonijiet, dik ta’ ricettazzjoni u dik ta’ hsara volontarja u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet ikkundannatu ghal erba’ snin prigunerija.

Illi r-rikorrent jikkontendi illi l-fatt illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali illiberatu mill-imputazzjoni ta’ hsara volontarja, izda in relazzjoni ma’ l-imputazzjoni rimanenti ta’ ricettazzjoni, kkonfermat il-piena ntiera komplessiva ta’ erba’ snin prigunerija jista’ jigi nterpretat biss f’zewg modi:

(a) illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hasset li kellha taghti lill-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni piz akbar milli tatha l-Qorti tal-Magistrati, u ghalhekk ziedet il-piena relattiva ghal tali imputazzjoni b’dik il-parti mill-piena komplessiva li l-Qorti tal-Magistrati mponiet in relazzjoni ma’ l-imputazzjoni ta’ hsara volontarja, minghajr ma kien hemm appell ta’ Avukat Generali f’dan is-sens; jew

(b) illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hasset li ma kenitx gustifikata l-liberazzjoni mill-imputazzjoni ta’ komplicità fis-serq (kif fil-fatt iddikjarat espressament diversi drabi fis-sentenza taghha u anke fid-dispozittiv finali) u ghaldaqstant imponiet piena in relazzjoni ma’ imputazzjoni li dwarha r-rikorrent gie mehlus u li dwarha ma sar l-ebda appell mill-Avukat Generali;

Ir-rikorrent issottometta illi fl-ewwel ipotezi fuq deskritta hemm ksur ta’ l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali mhijiex kompetenti biex izzid il-pieni mposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minghajr appell appositu maghmul entro l-limiti stabbiliti mill-ligi mill-Avukat Generali; mentri fit-tieni ipotezi hemm ksur sija ta’ l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll ta’ l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta in kwantu l-Qorti Kriminali ma kellhiex il-poter li teroga piena in relazzjoni ma’ imputazzjoni li dwarha l-esponent kien gie liberat.

Illi fin-Nota ta’ l-osservazzjoni tieghu ir-rikorrenti qal testwalment hekk f’punt numru 3 tan-Nota tieghu :
“Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-esponent gie ikkundanat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati sabiex jiskonta erba’ snin habs talli nstab hati ta’ zewg akkuzi, akkuza ta’ ricettazzjoni ammessa mill-esponent, u akkuza ta’ hsara fuq hwejjeg haddiehor, filwaqt illi gie illiberat mit-tielet akkuza, dik ta’ serq aggravat. Ma jistax jinghad b’certezza kemm minn dawn l-erba’ snin kienu jirreflettu l-ewwel akkuza u kemm jirreflettu t-tieni akkuza, imma huwa fatt illi iz-zewg akkuzi jgorru maghhom piena minima ta’ tlettax-il xahar habs;

F’punt numru 4 tan-Nota ta’ Osservazzjonijiet tieghu huwa qal hekk :
“Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rriformat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati billi kkonfermat il-htija ghar-rigward ta' l-akkuza ammessa ta' ricettazzjoni, filwaqt illi sabet lill-esponent mhux hati tar-reat ta' hsara fuq hwejjeg haddiehor. X'kien allura r-ragunament li wassal lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li ghal reat wiehed

japplika xorta wahda l-piena li giet stabbilita ghal zewg reati li jgorru piena minima ugwali?”

Ir-rikorrent kompla fin-Nota tieghu billi ta tlett ipotezi illi setghu, skond hu, iwasslu lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghas-sentenza taghha :

Illi ir-rikorrenti jaghti bhala l-ewwel ipotezi illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ikkundannatu sabiex jiskonta piena mahsuba biex tikkastigah talli kien komplici fir-reat tas-serq, reat li tieghu il-Qorti tal-Magistrati ma sabitux hati u li dwaru l-Qorti ta' l-Appell ma kellhiex il-kompetenza li ssibu hati u ghalhekk skond hu gew lezi id-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 34 (1) (b) tal-Kostituzzjoni tal-Malta u l-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni Ewropeja Skeda Wiehed, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi f’dan ir-rigward ir-rikorrent addirittura jasal biex jghid illi fi kliem iehor il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali “qalet car u tond u minghajr habi iva veru li illiberajtu mill-akkuza ta’ hsara volontarja, imma mhux ser innaqqas il-piena globali ghaliex inhoss li ma kellux jigi liberat mill-akkuza ta’ komplicita fis-serq.”

Illi din il-Qorti tibda billi taghmilha cara daqs il-kristall illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ebda hin u fl-ebda mument fis-sentenza taghha ma qalet dawn il-kliem u dawn il-kliem huma biss invenzjoni tar-rikorrent.

Illi ir-rikorrent wasal ghal din il-konkluzzjoni ghaliex fil-korp tas-sentenza il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali irreferiet ghall-interpretazzjoni tal-Artikoli tal-Kap. 9 relattivi ghall-komplicita u cioe’ l-Artikolu 42 (c), u (e) u 45 (b) u (c) u dan anke fid-disposittiv finali taghha fuq dan il-kap fir-raba paragrafu tal-konsiderazzjonijiet finali u ghalhekk ir-rikorrent gie ikkundannat sabiex jiskonta piena mahsuba biex tikkastigah talli kien komplici fir-reat ta’ serq u dan wara li l-Qorti tal-Magistrati illiberatu minn din l-akkuza u ma sar l-ebda appell f’dan is-sens mill-Avukat Generali.

Illi r-rikorrent jghaddi wkoll sabiex jaghti it-tieni ipotezi tieghu u dana fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet illi ghamel. Illi f’din it-tieni ipotezi r-rikorrent jghid illli huwa gie illiberat mill-akkuza tal-hsara volontajra la darba gie illiberat mill-komplicita fis-serq, u ma setax jitqies responsabbli ghall-hsarat li saru fil-pitturi waqt is-serqa innifisha u anke peress illi ma kienx car jekk il-moffa li instabet fil-pitturi kienitx moffa li iffurmat fuq il-pitturi waqt li kienu fid-dar ta’ sidhom jew inkella waqt li kienu fil-garxx tar-rikorrent. Ir-rikorrent ikompli jghid illi dan iwasslu ghat-tieni ipotezi tieghu u cioe’ illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali illiberatu mill-akkuza ta’ hsara volontajra minhabba li huwa gie illiberat mill-akkuza ta’ komplicita fis-serq, imma skond hu fl-istess hin il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghamlitha cara li fil-fehma taghha huwa ma messux gie illiberat mill-akkuza ta’ komplicita fis-serq u ghalhekk it-tieni ipotezi li huwa jaghmel hija illi l-piena ta’ erba’ snin habs giet ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali minghajr tnaqqis sabiex tikkastigah talli kien komplici fis-serq aggravat u talli kien komplici wkoll fil-hsara volontarja, it-tnejn li huma reati li dwarhom ir-rikorrent finalment ma instabx hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi ghalhekk bazikament ir-rikorrenti qieghed jallega u qieghed jaghti bhala ipotezi numru wiehed u ipotezi numru tnejn illi, dejjem skond hu, l-Qorti tal-Appell Kriminali imxiet a bazi jew tal-ewwel ipotezi jew tat-tieni ipotezi u minghajr ma kellha kompetenza u diskrezzjoni li izzid piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati jekk mhux fuq appell tal-Avukat Generali, jew sabet htija ghall-komplicita fis-serq aggravat jew inkella ziedet il-piena relattiva ghar-reat ta’ ricetazzjoni, u b’hekk kisret l-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; liema Artikolu jipprovdi fis-subartikolu wiehed tieghu li “kullhadd ghandu dritt ghall-liberta u ghas-sigurta tal-persuna, hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-liberta tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi (a) id-detenzjoni skond il-Ligi ta’ persuna wara li tinstab hatja minn Qorti kompetenti.”

Illi r-rikorrenti imur oltre u jghid f'paragrafu 18 tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi fil-fehma taghha hija ghandha l-poter u d-diskrezzjoni li izzid il-pieni moghtija ghar-reati individwali sakemm ma taqbizx is-sentenza totali imposta u sakemm ma taqbizx il-massimu tal-piena stabbilit mil-ligi.

Ikkunsidrat :

Illi bir-rispett kollu r-rikorrent ma ghandu l-ebda ragun f'dak illi qal.

Illi l-Qorti tibda billi tghid illi din il-Qorti ma tistax toqghod fuq ipotezijiet, fuq suppozizzjonijiet u fuq immaginazzjonijiet, izda trid toqghod biss fuq il-fatti u dak li effettivament jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha qalet illi "la darba l-ewwel Qorti ghazlet li tillibera lill-appellant mill-akkuza ta' serq, jew ghallinqas dik ta' komplicita kif koncepibbilment ghab-bazi tar-rizultanzi setghet sabet htija skond l-artikolu 42 (c) u (e) u 45 (b) u (c) tal-Kodici Kriminali, la darba pero' l-Avukat Generali ma deherlux li kellu jappella minn din id-decizzjoni tal-Ewwel Qorti, illum din il-Qorti trid tiehu l-liberazzjoni mill-akkuza ta' serq bhala res judicata."

Illi huma dawn il-kliem fis-sentenza illi jghoddu u mhux ipotezi (1), ipotezi (2) jew ipotezi (3) li isemmi ir-rikorrent fin-Nota ta' Osservazjonijiet tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali verament verament uriet bic-car illi ma kienitx qeghda taqbel mal-konkluzzjoni li ghaliha waslet il-Qorti tal-Magistrati fejn illiberat lir-rikorrent mill-akkuza ta' serq, izda qalet b'mod l-aktar car illi una volta l-Avukat Generali ma hassx li kellu jappella, il-Qorti, jigifieri l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kienet qeghda tiehu dik l-liberazzjoni mill-akkuza ta' serq bhala res judicata.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent huwa stess jiccita dan il-bran mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, izda umbaghad jipotizza u

jallega illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet car u tond minghajr habi kliem illi ma qalitx u cioe' "iva veru illiberajtu mill-akkuza ta' hsara volontajra, imma mhux ser innaqqas il-piena globali ghaliex inhoss li ma kellux jigi liberat mill-akkuza ta' komplicita fis-serq." Bl-ebda mod ma l-Qorti tista tifhem kif ir-rikorrenti setgha jimmagina illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet dawk il-kliem.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha kull dritt li tghid illi ma taqbilx ma sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati anke jekk din is-sentenza kienet definittiva. Illi mhux l-ewwel darba illi Qorti tigbed l-attenzjoni per ezempju tal-Prosekuzzjoni jew ta' l-Avukat Generali dwar il-mod kif messhom tmexxew il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-fatt biss illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet li l-Qorti tal-Magistrati setghet sabet htija fuq l-akkuza ta' serq bl-ebda mod ma ifisser li dik il-Qorti ivvjolat id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u bl-ebda mod ma jista ifisser illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew ziedet il-piena imposta ghar-reat ta' ricettazzjoni jew inkella li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabitu hati ta' l-akkuza ta' serq u ikkundannatu ghal dak ir-reat.

Ikkunsidrat :

Illi l-verita hi, kif jammetti l-istess rikorrent fit-tielet paragrafu tan-nota tieghu, meta jghid "ma jistax jinghad b'certezza kemm minn dawn l-erba' snin kienu jirreflettu l-ewwel akkuza u kemm jirreflettu t-tieni akkuza." Il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lir-rikorrent ghal erba snin prigunerija wara li sabitu hati ta' ricettazzjoni u ta' hsara volontarja, izda fil-fatt kif jghid l-istess rikorrent ma jistax jinghad kemm minn dawn l-erba' snin kienu jirreflettu il-piena imposta ghall-hsara volontajra u kemm minnhom kienu jirriflettu il-piena imposta ghar-reat ta' ricettazzjoni.

Illi r-rikorrent pero' madanakollu jidhirlu illi jaf ezattament x'gara f'mohh l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta ta s-sentenza tieghu u jghidilna fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu illi dak illi gara huwa dak enunzjat fit-tieni ipotezi tan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, u cioe' illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabet lir-

rikorrent hati ta’ l-akkuza ta’ komplicita fis-serq kif ukoll talli kien komplici fil-hsara volontarja, u fl-istess hin ir-rikorrent jghid illi finalment ir-rikorrent ma instabx hati mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali la ta’ serq aggravat peress, li kien diga gie liberat minn din l-akkuza mill-Qorti tal-Magistrati, u ma sar l-ebda appell mill-Avukat Generali dwar dan il-fatt, u lanqas ma gie misjub hati ta’ hsara volontarja, ghaliex effettivament il-Qorti tal-Appell Kriminali illiberatu minn din l-akkuza wara li l-Qorti tal-Magistrati kienet sabitu hati taghha.

Ikkunsidrat :

Illi bir-rispett kollu ma gie ippruvat l-ebda ksur tal-Artikolu 34 (1) (b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, jew tal-Artikolu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif introdotti permezz tal-ewwel skeda tal-Kap 319. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet fis-sentenza taghha meta giet biex timponi l-piena :

“Illi skond l-Artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat ta’ ricetazzjoni, jekk il-haga tkun gejja minn serq, hija dik tas-serq skond il-valur tal-haga. Issa fil-kaz in ezami il-valur komplessiv tal-pitturi li nsterqu u gew mohbija ghand l-appellant hu zgur ta’ aktar minn elf lira (LM 1000) u ghalhekk il-piena tkun dik kontemplata fl-artiklu 279 (b) tal-Kodici Kriminali u cioe wahda ta’ prigunerija ghal zmien minn tlettax il-xahar sa seba’ snin.”

“Ghalhekk anki ghar-reat ta’ ricettazzjoni biss li tieghu nstab hati ghalih mill-Ewwel Qorti u li hu mhux qed jikkontesta quddiem din il-Qorti, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi pjenament fil-parametri li tipprovdi l-ligi u mehud kont tac-cirkostanzi kollha, partikolarment dawk li - kif gja qalet din il-Qorti - setghu facilment jirrinentraw taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 42(c ) u (e) u 45 (b) u (c), din il-Qorti tqis li ma hux il-kaz li taghmel temperament fil-piena.”

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali semmiet illi fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti setghet sabet lir-rikorrent hati ta’ komplicita fis-serq kif ukoll ta’ komplicita fil-hsara volontarja, izda d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-piena kienet illi ma qiesitx illi kellha taghmel temperament fil-piena peress illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet pjenament fil-parametri li tipprovdi l-Ligi u ghal din il-fini il-Qorti tal-Appell Kriminali iccitat ukoll l-Artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali.

Illi f’dan ir-rigward ir-rikorrent naqas milli jghid illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, meta giet sabiex tittratta dwar il-piena, semmiet l-Artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-piena ghar-reat ta’ ricettazzjoni u semmiet ukoll l-Artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali u qalet illi f’dan il-kaz il-piena kienet prigunerija ghal zmien minn tlettax il-xahar sa seba snin.   Kif diga intqal, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qalet illi ghar-reat ta’ ricettazzjoni biss li tieghu instab hati ghalih ir-rikorrenti il-piena erogata mill-ewwel Qorti hi pjenament fil-parametri li tipprovdi l-ligi.

Illi ghalhekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma sabitx lir-rikorrent hati tar-reat ta’ komplicita ta’ serq u ta’ komplicita fil-hsara volontarja, izda sabitu hati biss tar-reat ta’ ricettazzjoni u hasset illi ma kellha taghmel l-ebda temperament fil-piena imposta mill-ewwel Qorti peress illi dik il-piena kienet pjenament fil-parametri li tipprovdi il-ligi.

Illi l-Qorti ser tara issa jekk gewx lezi d-drittijiet tar-rikorrent kif protetti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li tirrigwarda id-dritt tal-“fair hearing” minn Qorti indipendenti u imparzjali.

Illi r-rikorrent issottometta illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali espremiet ruhha u tat l-opinjoni taghha fis-sens illi r-rikorrent messu instab hati mill-Qorti tal-Magistrati tar-reat ta’ komplicita fis-serq u ta’ komplicita fi hsara volontarja. Ir-rikorrent ikkontenda illi l-gudikant halla lilu innifsu jigi influenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji peress illi hass illi l-Qorti tal-Magistrati messha sabet htija fir-rigward tar-reat tas-serq aggravat.

Illi skond ir-rikorrent, in-nuqqas ta' imparzjalita tal-gudikant kienet espressa u dikjarata u motivata minn kwistjoni li fil-kliem tieghu stess "bene o male" kien hemm res gudikata minhabba li l-Avukat Generali ma deherlux li kellu jappella minn din id-decizzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjoni fil-31 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Melchior Spiteri kontra Avukat Generali. Illi f'dik l-istanza il-Qorti qalet :
"Illi jekk ma jigix muri, li fil-fatt, kien hemm vjolazzjoni vera u reali, ma jistax jitqies li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, specjalment meta l-akkuzat kellu rimedji ohra ordinarji li ma wriex disponibilita' li jaghmel uzu minnhom."

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrent fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu issuggerixxa illi jew wiehed iqis illi huwa inghata piena dwar reat li minnu gie liberat, jew inkella l-unika alternattiva ohra hija illi l-piena relattiva ghal ricettazzjoni zdiedet. Huwa jissottometti illi ufficjalment ma hemmx dubbju li fil-fatt hekk gara izda huwa jissottometti illi huwa daqstant iehor car illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali deherilha illi huwa kellu jigu mehlus mill-akkuza ta' ricettazzjoni u ikkundannat dwar l-akkuza ta' serq u ta' hsara volontarja.

Illi ghalhekk ir-rikorrent issottometta illi huwa tal-fehma li l-interpetazzjoni korretta tas-sentenza ghandha tkun l-ipotezi (2) illi huwa ghamel fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu. Madanakollu huwa hass illi kellu janalizza l-konsegwenzi kostituzzjonali tat-tlett ipotezi elenkati u ghalhekk huwa allega ukoll nuqqas ta' imparzjalita tas-smigh moghti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi in sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu ir-rikorrent isemmi il-konsiderazzjonijiet illi ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta qalet illi l-ewwel Qorti setghet sabet lir-rikorrent hati ta' serq aggravat u konsegwentement ukoll ta' hsara volontarja.

Illi ghar-rikorrent il-gudikant ma kienx imparzjali peress illi kien dispjacut ferm illi l-ewwel Qorti ma sabitx htija fir-rigward tar-reat ta' serq, jew ta' komplicita fis-serq u l-Avukat Generali ma deherlux illi kellu jappella minn din id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi bir-rispett kollu ir-rikorrent ma irnexxielux jipprova illi ma inghatax smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali u fi zmien ragonevoli. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet sabiex tillibera lir-rikorrent mill-akkuza ta' hsara volontarja, akkuza li taghha kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hellset ukoll lir-rikorrent milli jhallas certi spejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta magisterjali, kif imsemmi dettaljatament fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Madanakollu ir-rikorrent isostni illi dik l-istess Qorti ma kienitx wahda imparzjali u dana semplicement ghaliex deherilha illi kellha tghaddi certi kummenti u konsiderazzjonijiet dwar il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx sabet htija fir-rigward tar-reat ta' serq, jew ta' komplicita fir-reat ta' serq.

Illi l-fatt illi l-Qorti ghamlet il-kummenti illi ghamlet ma iffisirx illi l-Qorti kienet pregudikata fil-konfront tar-rikorrent. Il-Qorti diga kellha okkazzjoni aktar 'il fuq f'dan il-gudikat sabiex tiddikjara li ma tarax li ghandha ghalfejn b'xi mod ticcensura l-kummenti illi ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-fatt illi ghamlet il-kummenti u l-konsiderazzjoni illi ghamlet fis-sentenza taghha bl-ebda mod ma wassal lil dik il-Qorti sabiex tkun wahda parzjali.

Illi kif diga intqal gudikant ghandu d-dritt u anke l-obbligu illi jimmottiva s-sentenza tieghu b'rimarki u anke billi jesprimi ruhu dwar il-fatti li jkunu irrizultawlu specjalment ghall-fini ta' piena u sakemm il-kumment ma jkunx f'termini zbilancjati li manifesament mhux floku, jew sakemm ma jkunx evidenti li l-kumment huwa motivat minn animozita jew simpatiji personali lejn parti jew l-ohra jew sakemm ma jkunx hemm xi cirkostanza ohra f'dan is-sens, ma jistax jinghad li fir-rigward ta' dak il-gudikant ikun hemm raguni legittima biex wiehed jahseb li f'kawza ohra li tinvolvi l-istess parti jew partijiet dak il-gudikant mhux ser

ikun f'posizzjoni li jaffronta il-kaz b'mod oggettiv. Il-kummenti ta' gudikant, dejjem jekk ikunu fil-parametri tal-ligi u ta' dak li huwa ragonevoli, huma parti essenzjali mill-mottivazzjoni tas-sentenza. (Ara sentenza ta' din il-Qorti, Sede Kostituzzjonali datata 9 ta' Settembru 2002 fir-referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Pulizija kontra Joseph Bone et).

Illi meta quddiem il-Qrati Maltin tqanqlet il-kwistjoni tal-parzjalita ta' gudikant bhala okkazjoni ta' ksur ta' jedd ta' smigh xieraq kellu jintwera a sodisfazzjon tal-Qorti li fil-kaz partikolari jehtieg jirrizultaw flimkien zewg kwalitajiet ta' parzjalita, jigifieri dik soggettiva u dik oggettiva. Bl-ewwel wahda wiehed jifhem id-disposizzjoni u l-konvinciment partikolari tal-gudikant li jkun u bit-tieni jekk il-gudikant li jkun kienx jaghti garanzija bizzejjed li inehhi kull dubbju legittimu li l-konvinciment personali tieghu fil-kaz ma kienx wiehed suspett. Min jallega il-parzjalita ta' gudikant irid jipprova tali parzjalita bil-fatt u mhux biss iqanqal dubbju legittimu b'inferenza jew semplici biza. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet "Francis Xavier Mifsud kontra Avukat Generali".

Illi f'dan il-kaz ma jidhirx illi r-rikorrent kien qieghed jallega imparzjalita  fis-sens tal-mod kif kienet kostitwita l-Qorti u ghalhekk l-ilment kien jirrigwarda l-effett ta' imparzjalita soggettiva u mhux oggettiva.

Illi wara li l-Qorti fliet sew il-provi kollha li ghandha quddiemha tara illi r-rikorrent ma irnexxielux jipprova li l-Imhallef kellu parzjalita soggettiva. Il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda prova li b'xi mod jista iwassalha biex tqis illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet soggettivament jew oggettivament parzjali fl-imgieba taghha b'mod li waslet ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent ghall-smigh xieraq minn Qorti imparzjali. Kull ma ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet illi kull Qorti ta' l-Appell hija mistennija illi taghmel fejn tkun qeghda tqis sensiela shiha ta' cirkostanzi u provi li jolqtu lill-akkuzati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi tiddikjara illi s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur. Michael. Mallia) vs Joseph Portelli*" (Appell Nru 267/06) ma kisret l-ebda wiehed mill-jeddijiet tar-rikorrent taht l-Artikoli 34 (1) (b), 39 (1) u / jew 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew taht l-Artikoli 5 (1) (a), 6 (1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, inkorporat fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 Ligijiet ta' Malta, u b'hekk tichad it-talbiet tar-rikorrent; bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------